## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. JOSEPH SERPINA (KI. 110865M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**09/05/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Taħrika ta' Kawża: | **PULIŻIJA** | Lil: | **JOSEPH SERPINA (110865M)** | Vettura: | **HBT762 YAMAHA** |

Billi int akkużat talli fid-data, ħin u post hawn imsemmi

Data u Ħin: **Nhar it-22/12/2018 ghal habta ta` 13:40hrs**

Post: **TRIQ HAL FAR** Lokalita': **BIRZEBBUGA**

**(1) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont** ( Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2) )

**(2) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni** ( Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3) )

**(3) Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`mod perikoluz** ( Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2) )

**(4) Waqt li kont qed issuq l-imsemmija vettura, eccedejt il-limitu ta` velocita** ( L.S. 65.11 Artiklu 127 )

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 816 Shaun Vassallo (affidavit) u Dr. Mario Buttigieg.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Jirriżulta mill-affidavit ta' **<u>PS 816 S. Vassallo</u>** illi fit-22 ta' Diċembru 2018 waqt li kien xogħol ġewwa l-Għassa ta' Biżebbugia huwa ġie infurmat illi għall-ħabta ta' 13.45 hrs daħlet telefonata

fil-*control room* rigward inċident li kien għadu kemm seħħ fi Triq Hal Far, Birżebbuġia quddiem l-istabbiliment Avalon. Ftit tal-ħin wara daħlet fl-Għassa ċertu Brenda Briffa li stqarret mal-Pulizija li kienet nieżla minn Triq Hal Far u rat li kien għadu kemm seħħ inċident b'mutur fejn kien hemm raġel mitluf minn sensih li kien mal-art. PS 816 flimkien mal-kollegi tiegħu marru fuq il-lok fejn irriżulta li l-vittma kien l-imputat. Ittieħdet stqarrija minn ċertu Andy Attard li spjega illi huwa kien qed jara l-mutur ġej u ra x-xufier jitlef il-kontroll tiegħu u jtir minn fuqu. Għal xi 17.30 hrs l-uffiċjal ġie infurmat minn PC 352 li l-imputat kien iċċertifikat mit-tabib Dr. James Borg li kien qiegħed fil-periklu tal-mewt. Ġiet miftuħa inkjesta mill-Maġistrat tal-Għassa u nħatru l-esperti. Fl-istess inkjesta l-Maġistrat Inkwirenti kkonkludiet illi għandhom jittieħdu passi kontra l-imputat in vista li l-espert Dr. Mario Buttigieg kien ikkonkluda illi l-inċident seħħ kaġun ta' sewqan perikoluż, traskurat u negliġenti da parti tal-imputat.

Fit-30 ta' Novembru 2021 ġie ppreżentat il-proċess-verbal permezz ta' nota tal-Avukat Ġenerali. Fir-relazzjoni tiegħu, l-espert **Dr. Mario Buttigieg** li ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti (u kkonfermat minn din il-Qorti) kkonstata kif seħħ l-inċident. Huwa qal hekk:

1. Illi Joseph Serpina kien qed isuq il-mutur tiegħu b' veloċita ta' madwar mija u sebgħa (107kfs) kilometru fis-siegħa. Illi kif kien għaddej mal-liwja ta' t-triq seħħ l-allegat inċident. Minn indaġni li ġew magħmula fuq il-post irriżulta li dak in-nhar it-temp kien wieħed tajjeb.

2. Illi meta l-esponent eżamina l-mutur ma sab ebda evidenza ta' ħbit ieħor *direct impact* mal-mutur li bih il-motoċiklist seta' tilef il-kontroll tal-mutur tiegħu. Illi waqt l-eżami tal-mutur irrizulta li l-mutur kien jaħdem sew u li ma kellu l-ebda difett la fis-sistema tal-brejkijiet u li l-hydraulics kienu mimlijin hekk kif rikjest bil-ligi u s-sengħa.

3. Illi għalkemm Serpina kien qed issuq il-mutur tiegħu b'veloċita għolja ma kellux għalfejn jitlef il-kontrol tal-mutur u dan peress meta mutur jkun qed iddur liwja l-istess motoċiklist seta' nklina l-mutur f'angolu u jkompli għaddej bit-traggit tiegħu. Illi Cossalter jgħid illi, *a bike must lean in order to maintain balance in a turn: the higher the speed or smaller the turn radius, the more lean is required. This balances the roll torque about the wheel contact patches generated by centrifugal force due to the turn with that of the gravitational force*[5]. Illi Meijaard et al jgħidu illi, *bike maneuverability and handling is difficult to quantify for several reasons. The geometry of a bike, especially the steering axis angle makes kinematic analysis complicated.*[6]

4. Irrizulta li bil-grieħi sofferti l-mutur li kien qed issuq Joseph Serpina żviluppa *kinetic energy* qawwija. Illi kinetic energy hija deskrita bħala "*energy associated with moving objects. …kinetic energy is dependent upon velocity and mass, and thus has to do with moving objects*"[7]. Illi fil-liġi tal-fisika jingħad li l-energija ma tistax tiġi distrutta iżda trid tiġi mibdula f' oġġett ieħor. Xjentisti jistqarru illi "*energy can neither be created nor destroyed, merely converted to one form or another*". "*Most collisions that occur in nature, … are* ***inelastic collisions****. Some energy is dissipated when colliding objects are in contact. This dissipated energy may result in the production of heat, sound, light, or other forms of energy. It can also cause some permanent physical deformation of the colliding objects. Momentum is still conserved, as in any collision* [8].

Fil-konklużjonijiet tiegħu imbagħad l-istess espert stqarr is-segwenti:

Illi għaldaqstant sabiex il-Qorti tasal għall-konklużjoni u għall-ġudizzju superjuri tagħha l-esponent wara li eżamina bir-reqqa l-evidenza li kien hemm fuq il-post, ħa in konsiderazzjoni x-xhieda relatata u wara li l-esponent għamel l-eżamijiet neċessarji u wara li għamel ir-rikostruzzjoni neċċesarja u ġiet stabbilitha d-dinamika ta' kif seħħ l-incident, il-konklużjoni segwaċi hija umilment mressqa għall-ġudizzju tal-Onorabbli Qorti;

Illi dan l'allegat inċident stradali seħħ ġo Triq Ħal-Far, Birzebbugia. Illi Joseph serpina kien qed isuq il-mutur tiegħu ta' għamla Yamaha mudell YZF 600 bin-numru tar-reġistrazzjoni HBT 762. Illi qabel ma seħħ l-inċident il-motoċiklist kien qed isuq fil-karreġjata fil-viċinanzi tal-linja kontinwa li hemm f'nofs ta' triq;

Illi kien it-tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2018, għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin għoxrin (13:40hr) ta' wara nofs in-nhar u skond l-evidenza li l-esponent kellu f' idu u anki meta l-esponent għamel l-aċċess it-temp kien tajjeb u ċar u minn dak l-att il-visibilita' kienet tajba wkoll;

Illi l-inċident seħħ fil-liewa li hemm f'din it-triq. Kif dejjem jagħmel kull nhar ta' Sibt Joseph Serpina joħroġ dawra bil-mutur tiegħu. Illi meta kien għaddej ġo Triq Ħal-Far, Birzebbugia u qabez li-liwja b'veloċita ta' mija u sebgħa (107kfs) kilo metri fis-siegħa tilef il-kontrol tal-mutur;

Illi meta l-esponent kien fuq il-post tal-inċident irriżulta li l-mutur kien ħalla sinjali ta' tires mal-art u sinjali ta' brixx fuq il-bankina. Irriżulta li dan il-sinjal beda mill-viċinanzi tal-linja dritta li hemm mizbugħa fin-nofs tal-karreġjata u baqa' tiela għal fuq il-bankina u spiċċa fit-triq;

Illi meta l-esponent eżamina il-mutur irriżulta li l-istess mutur sofra ħsarat kbar speċjalment fil-ġemb. Illi wieħed jista jingħad li bħala spejjez dawn jaqbżu l-valur tal-mutur u għaldaqstant jista jiġi ddikjarat *beyond economical repair;*

Illi l-motoċiklist ġarrab ġrieħi gravi u meta ġie eżaminat mit-tabib Dott. James Borg M.D. iċċertifika li Serpina kien sofra ġrieħi ta' natura gravi u li kien fil-periklu tal-mewt.

Illi waqt l-aċċess u mill-investigazzjonijiet magħmula irrizulta li ma jidhirx illi l-mutur seta' sofra xi ħbit jew żelaq fuq xi likwidu fl-inħawi li bih seta' tilef il-kontroll minħabba illi waqt l-aċċess ma nstab xejn minn dan mal-art. Illi l-aħjar deduzjoni li jista jasal għaliha l-esponent hi li meta Serpina kien għaddej b'veloċita ta' mija u sebgħa (107kfs) kilo metri fis-siegħa fit-triq kif wasal ma liwja hu ma setgħax jikontrolla l-mutur bil-konsegwenza li tilef il-kontrol tal-mutur li kien qed issuq bil-konsegwenza li spiċċa midrub gravi.

Illi għaldaqstant hemm biżżejjed elementi *prima facie* sabiex jittieħdu passi kriminali kontra Joseph Serpina hekk kif indikat hawn isfel.

1, Illi kkommetta sewqan perikoluz, traskurat u negligenti u dan ai termini għal Artiklu 15 (1)(a) (2) (3) Kap 65;
2. Illi saq l-istess mutur b'veloċita eċċesiva u dan ai termini tal-artikolu 127 tal-LN 65.11

L-istess espert ikkonferma r-riżultanzi tiegħu quddiem il-Qorti fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2023.

Quddiem Dr. Mario Buttigieg kien ta l-verżjoni tiegħu taħt ġurament l-imputat innifsu u dan wara li kien ġie debitament imwissi bid-drittijiet kollha tiegħu bħala persuna suspettata f'għajnejn il-liġi. Dan spjega x'seħħ qabel u wara l-inċident però ma ftakar xejn dwar l-inċident għajr li kien ser idur mal-*bypass*.

Fis-seduta tal-20 ta' Awwissu 2021 xehed ukoll **Andy Attard** li kien diġà ta l-verżjoni tiegħu lil **PS 816 S. Vassallo** kif indikat fl-affidavit ta' dan tal-aħħar.

Fit-trattazzjoni finali tiegħu l-abbli avukat difensur tal-imputat ressaq l-argument illi l-Qorti m'għandhiex tistrieħ fuq ir-riżultanzi ta' Dr. Mario Buttigieg peress illi kif stqarr l-espert innifsu dawn kienu magħmulha b' *deduzzjoni* u mhux għaliex irriżultawlu l-fatti, wisq inqas irriżultawlu lil'hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-abbli avukat difensur. Huwa minnu li lejn l-aħħar tar-rapport tiegħu l-espert stqarr li l-*"aħjar deduzzjoni li jista' jasal għaliha l-esponenti hi li meta Serpina kien għaddej b'veloċita ta' mija u sebgħin (107 kfs) kilometri fis-siegħa fit-triq kif wasal ma liwja hu ma setax jikkontrolla l-mutur bil-konsegwenza li tilef il-kontroll tal-mutur li kien qed isuq bil-konsegwenza li spiċċa midrub gravi"*. Dan ma jfissirx però illi l-espert kien qed jassumi biss li l-imputat kien għaddej b'veloċita ta' 107 kfs u lanqas li l-imputat spiċċa tilef il-kontroll peress illi dawn iż-żewġ fatturi ġew stabbiliti b'mod preċiż mill-espert iktar qabel fir-rapport tiegħu (apparti ukoll li l-fatt li tilef il-kontroll tal-mutur ġie mistqarr mix-xhud okulari Andy Attard). Dak li ddeduċa l-espert kien filfatt **ir-raġuni** 'l għala l-imputat tilef il-kontroll tal-mutur meta fit-triq ma kienx hemm żlieq u lanqas ma kien seħħ xi impatt qabel l-akkadut.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Grech** (Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Imħallef Noel Arrigo, 06/04/2001) intqal illi:

> *"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinċiment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. James Abela** (Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Imħallef Joseph Galea Debono, 11/07/2002) intqal illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"….F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li*

*jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Tyrone Pace** (Kump. 283/13, Maġistrat Claire L. Stafrace Zammit, 10/10/2016) ġie ikkwotat il-ġurista Ingliż Pollock C.B. [1] li kien qal kif ġej:

*"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Il-Qorti tqis illi ġie ippruvat b'ċertezza illi l-imputat kien għaddej b'veloċità ta' 107 kilometri fis-siegħa fi triq fejn il-massimu ta' veloċità permissibbli hija dik ta' 80 kilometri fis-siegħa. S'hemmhekk diġà hemm prova suffiċjenti illi l-imputat kien qed jikser il-regolamenti tat-traffiku. Madanakollu skond l-espert l-imputat xorta seta' jevita l-inċident li kieku huwa kkumpensa għall-veloċita' li kien għaddej biha billi fil-liwja jinklina l-mutur f'angolu xieraq sabiex ikompli għaddej bit-traġitt tiegħu. In-nuqqas tiegħu li jagħmel dan wassal sabiex jitlef il-kontroll tal-mutur u wassal għall-inċident in kwistjoni.

Dwar is-sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni u b'mod perikoluż,

[1] Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice)

L-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma li l-imputat saq bi traskuraġni, b'mod perikoluż u b'nuqqas ta' kont rispettivament. L- Artikolu 15(1)(a) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65) jipprovdi hekk:

**"15. (1) Kull min -**

**(a) isuq vettura bil-mutur ... b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż,... ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinsab hekk ħati, il-piena tal-multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew tal-priġunerija ta' mhux iżjed minn sena."**

Imbagħad l-Artikoli 15(2) u (3) jipprovdu illi:

**"(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż, il-qorti, b'żieda tal-piena taħt is-subartikolu (1), għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenza tas-sewqan, f 'każ tal-ewwel kundanna, għal żmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'każ tat-tieni kundanna jew kundanna oħra wara għal żmien ta' mhux anqas minn sena.**

**'(3) Fil-każ ta' kull reat ieħor taħt is-subartikolu (1) il-qorti b'żieda għall-piena skont dak is-subartikolu, għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem"**

Dwar il-provi ta' sewqan b'mod traskurat, bla kont u b'mod perikoluż, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet qalet fis-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**' illi:

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat…sewqan bla  kont hu sewqan bi traskuragni kbira u tinkludi kazijiet fejn wiehed deliberament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabilta ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi … sewqan perikoluz jirrekjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi."*

L-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 jirreferi għal sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, jew b'mod perikoluż. It-test Ingliż tal-liġi jirreferi għal sewqan "*in a reckless, negligent or dangerous manner*". Pero l-Artikolu 15(2) imbagħad jirreferi għal sewqan "bi traskuraġni kbira jew b'mod perikoluż" filwaqt li t-test Ingliż tal-Art. 15(2) jirreferi għal sewqan "*in a reckless or dangerous manner*". Huwa evidenti għalhekk illi bil-kliem "*sewqan bi traskuraġni kbira*" fl-Artikolu 15(2) il-leġislatur ried ifisser "*sewqan bla kont*". L-iskwalifika iktar severa għal sewqan bla kont u sewqan perikoluż imposta fl-Artikolu 15(2) – b'differenza għal dik inqas severa għal sewqan traskurat imposta fl-Artikolu 15(3) – tirrifletti l-gravita' differenti illi l-leġislatur jattribwixxi għal dawn il-modi ta' sewqan.

Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Jason Scerri**' (Qorti tal-Maġistrati Kumpilazzjoni Nru.: 1131/13 RM – deċiża 01/11/2018) il-Qorti qalet hekk:

> *"Jinghad illi l-kuncett ta' sewqan perikoluz u sewqan bla kont ghalkemm mhux imfissra espressament fil-ligi taghna, huwa identifikabbli mal-kuncett ta' recklessness fil-ligi Ingliza fejn jinsab ritenut illi, sabiex jissussisti l-mens rea ta' recklessness, m'hijiex bizzejjed kondotta merament traskurata jew imprudenti izda wahda li timmanifesta non-kuranza totali ghar-riskji li johloq. Fil-kaz Quinn vs. Cunningham, Lord Justice-General Clyde fisser li sabiex tip ta' kondotta jikkwalifika bhala reckless jehtieg li jigi identifikat:- "… an utter disregard of what the consequences of the act in question may be in so far as the public are concerned."*
>
> *Il-Blackstone jaghmel referenza ghall-CPS Policy for prosecuting cases of bad driving biex ifisser mil-lenti tal-ligi Ingliza, x'tip ta' sewqan jista' jitqies b'success ghall-finijiet ta' imputazzjoni ta' sewqan perikoluz:- "… racing or competitive driving; speed which is highly inappropriate for the prevailing road or traffic conditions; aggressive driving, such as sudden lane changes, cutting into a line of vehicles or driving much too close to the vehicle in front; disregard of traffic lights and other road signs, which, on an objective analysis, would appear to be deliberate; disregard of warnings from fellow passengers; overtaking that could not have been carried out safely; driving a vehicle with a load that presents a danger to other road users; where the driver is suffering from impaired ability such as having an arm or leg in plaster, or impaired eyesight; driving when too tired to stay awake; driving a vehicle knowing it has a dangerous defect; … … … or similar, in circumstances where the driver was avoidably and dangerously distracted by that."*

*Ferm il-konsiderazzjonijiet appena rapportati, huwa evidenti li d-differenza bejn l-addebitu tas-sewqan perikoluz u s-sewqan bla kont hija wahda ta' grad fejn, biex ir-recklessness manifestata fis-sewqan tilhaq il-grad ta' sewqan perikoluz, il-kondotta ghandha ggib maghha perikolu ghas-sigurta` tal-pubbliku u/jew proprjeta`. Infatti, jigi osservat ghall-finijiet ta' piena l-legislatur taghna pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa."*

Mill-provi jirriżulta lill-Qorti illi minimament l-imputat saq b'mod traskurat peress illi huwa kien għaddej b'veloċità ta' 107 kilometru fis-siegħa fi triq fejn il-massimu ta' veloċità permissibbli hija dik ta' 80 kilometri fis-siegħa. Kif qal l-espert tekniku fir-rapport tiegħu kien hemm bżonn ta' kawtela mill-imputat peress illi f'dawk l-akkwati hemm diversi liwjat u għalhekk sewwieq irid jieħu ħsieb li jnaqqas il-veloċità matul it-triq.

Il-Qorti ser tagħti l-benefiċċju tad-dubbju lill-imputat dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet għalkemm tistqarr illi hija konvinta illi s-sewqan tiegħu kien iqarreb sew lejn sewqan bi traskuraġni kbira.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni din hija preskritta bit-trapass taż-żmien peress illi waħda ta' natura kontravvenzjonali.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija l-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet numru wieħed u tlieta fuq nuqqas ta' provi u mir-raba' waħda stante illi hija preskritta, wara li rat l-artikolu tal-liġi u ċioe l-Art. 15(1) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta ssibu ħati tal-imputazzjoni numru tnejn (sewqan b'mod traskurat) u għalhekk timmultah is-somma ta' ħames mitt euro (€ 500). B'żieda mal-piena, ai termini tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 il-Qorti qed tiskwalifika lill-imputat mill-liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmient (8) ijiem.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur